## 15 ta' Jannar, 1963

## Onor. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D

Alfonso Maria Pace

*versus*

John Zammit

## Kompetenza — Kummerċ — Danni

*Hija kompetenti l-Qorti tal-Kummerċ meta l-att mill-liema jisaturixxu d-danni reklamati jkun ġie kommess għar-raġuni tal-kummerċ tal-konvenut.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li jippremetti illi l-konvenut ħalla fil-post fejn joqgħod no. 101/102, Sacred Heart Promenade, Birżebbuġia, diversi ħsarat u nuqqasijiet li jirriżultaw mill-anness prospett (Dok. A); u illi l-konvenut ma jridx jirripara u anqas iħallas l-imsemmija ħsarat; — jitlob illi, wara li jingħataw d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa (1) il-konvenut ikun kundannat jagħmel fl-imsemmi fond fiż-żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minn din il-Qorti, l-imsemmija riparazzjonijiet; u (2) fin-nuqqas hu jkun awtorizzat jagħmel l-istess riparazzjonijiet a spejjeż tal-konvenut, u taħt direzzjoni ta' Perit li jiġi għal dana l-fini nominat minn din il-Qorti. Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Ottubru, 1962, kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u d-dokument minnu prodott maċ-ċitazzjoni;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha jeċċepixxi (1) illi dina l-Qorti hija inkompetenti tieħu konjizzjoni tal-kawża "ratione materiae";

Ikkunsidrat rigward l-inkompetenza eċċepita;

Illi kif ġie verbalizzat fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 1962, il-fond indikat fiċ-ċitazzjoni kien ġie mikri mill-attur lil konvenut bħala ħanut. Kwindi dik il-lokazzjoni tal-fond, bħala ħanut, kienet tikkostitwixxi, almenu fil-konfront tal-konvenut, att ta' kummerċ. Mid-dokument A jidher li d-danni pretiżi kaġonati mill-konvenut, anke jekk talvolta mhux kollha, ġew minnu kaġonati biex jirrendi l-fond inservjenti għall-kummerċ tiegħu ċioè għall-eżerċitu tal-ħanut; b'mod li l-att tal-konvenut, li ikkommetta d-danni pretiżi mill-attur, meta sar, kien kommerċjali għall-istess konvenut. Infatti, huwa magħruf fid-dottrina li d-delitti jew kważi delitti jistgħu jkunu kummer-

ċjali jew ċivili, skond jekk ikunu ġew kommessi għar-raġuni tal-kummerċ ta' min jagħmel l-att dolus jew kolpus, jew ikunu estranji għal dan il-kummerċ: u kif ingħad, id-danni lamentati mill-attur ġew talvolta kommessi mill-konvenut għall-finijiet tal-kummerċ tiegħu. Għalkemm l-obbligazzjoni li titnissel minn fatt delittwuż jew kolpus ma tistax tiġi annoverata ma' l-atti obbjettivi tal-kummerċ, jekk l-att illeċitu mhux att ta' kummerċ fih stess, ma jsegwix li l-istess ma jsirx tali meta jiġi magħmul għal skop ta' spekulazzjoni kummerċjali, għalkemm bejn id-danneġġjant u d-danneġġjat ma jeżisti ebda rapport kontrattwali (Vol. XX, i, 305). Xejn ma jiswa li, kif jissottometti l-attur, il-lokazzjoni tal-ħanut ġiet riżoluta u l-konvenut, il-lum u anke meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni ma għadux jiddetjenih billi ġie żgumbrat minnu b'deċiżjoni tal-Board li jirregola l-Kera, għaliex id-danni allegati mill-attur, kif ukoll ingħad superjorment, saru mill-konvenut meta kienet għadha miexja l-lokazzjoni u l-konvenut kien jiddetjieni l-ħanut b'dik il-lokazzjoni;

Illi għalhekk din il-kawża mhix ta' kompetenza ta' dina l-Qorti iżda ta' l-Onorabili Qorti tal-Kummerċ;

Għar-raġunijiet premessi;

Tilqa' l-eċċezzjoni opposta mill-konvenut, u tiddikjara li dina l-Qorti mhix kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża, bl-ispejjeż kontra l-attur.